24 ta' Diċembru 2015

**Messaġġ tal-Awguri tal-Milied**

**(Biex jinqara fil-quddies tal-lum u ta' għada)**

Għeżież,

F'din is-sena tal-Ġublew tal-Ħniena, nixtieq li l-Milied jisfalna bħala ġrajja ta' grazzja biex, filwaqt li fit-tarbija ta' Betlehem nilmħu l-ħniena ta' Alla li saret laħam, nieħdu din l-opportunità biex, misjuqa minn din l-istess ħniena, infittxu nagħmlu **rikonċiljazzjoni** bejnietna.

Din l-istedina nagħmilha b'mod speċjali lil dawk il-ħafna familji li huma mimsusin bil-ġlied u l-firda. Ma nitilfux dan il-mument ta' grazzja!

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex nistieden lill-familji kollha, anke lil dawk ħutna li huma f'relazzjoni imperfetta, biex nhar il-Ħadd li ġej, Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi, niltaqgħu fis-Santwarju Ta' Pinu ħalli flimkien niċċelebraw il-**Ġublew tal-Familja**. Dakinhar ser niftħu flimkien il-*Bieb tal-Ġublew* li nixtieq insejjaħlu "il-bieb tal-miżerikordja għall-familja". Dan se jkun il-Bieb speċjali biex il-familji kollha tagħna jgħaddu minnu ħalli jduqu l-*inbid il-ġdid* tal-ferħ li huwa Kristu nnifsu! Iċ-ċelebrazzjoni f'Ta' Pinu tibda fil-5.00 p.m.

Filwaqt li ngħożżkom kollha f'qalbi u f'talbi, speċjalment lilkom li f'dawn il-jiem għaddejjin minn żmien ta' prova u ta' niket, nawguralkom il-Milied it-Tajjeb!

**✠ Mario Grech**
**Isqof ta' Għawdex**